**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 4 ta' April 2016**

**Rikors Numru 17/2015**

**Marlon Abdilla**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Marlon Abdilla** ipprezentat fit-8 ta' April 2015 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi r-rikorrent applika ghall-licenzja ta' Gwardjan Privat, liema applikazzjoni ma gietx milqugha a tenur ta' ittra datata 6 ta' Marzu 2015 mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, ffirmata mill-ispettur Anzjan Ramon Mercieca (Ref: PG/33/2015) ghar-ragunijiet hemm kontenuti fiha.*

*Illi r-rikorrenti jemmen li non cio' dak indikat fl-imsemmija ittra surreferita precizament fl-artikli 10(a)(i), 10(a)(iv) u 10 (b) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta, l-applikazzjoni tieghu ghandha tigi milqugha stante l-fatt li illi r-rikorrenti igawdi minn certifikat tal-kondotta nadifa.*

*Illi nvista tas-suespost, ir-rikorrenti m'ghandux jigi rrifjutat milli jinghata licenzja ta' gwardjan Privat aktar u aktar meta s-sistema korrettiva taghna tippermetti, anzi tikkonraggixxi lil min ikun ikkommetta xi reat, billi jinghata l-opportunita' li jerga' jibda hajtu mil-gdid fi hdan is-socjeta'.*

*Illi r-rikorrenti hija persuna ta' l-affari taghha, ghandha familja li jiehu hsieb u jokkupa kariga ta' Inspector fuq il-karozza tal-linja mal-kumpanija Malta Public Transport Services Limited u ilu jahdem dan ix-xoghol ghal madwar tlett snin.*

*Illi di fatti huwa jehtieg ta' bilfors li jinghata l-licenzja bhala gwardjan privat ghaliex l-istess kumpanija hawn fuq imsemmija ser timponi bhala kundizzjoni fil-kwalifiki ta' tali kariga l-ottjeniment ta' tali licenzja u illi minghajra r-rikorrenti ma jkunx jista' jahdem.*

*Illi r-rifjut da parti tal-Kummissarju tal-pulizija iservi ta' pregudizzju kbir lir-rikorrenti billi qieghed jimpedixxih milli appuntu jilhaq l-ghan tieghu li huwa l-qofol ghaliex minghajra ikun ifisser li r-rikorrenti ser jitlef xogholu.*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost, r-rikorrenti jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jikkonsidra dan l-appell, halli tinhariglu l-licenzja ta' Gwardjan privat li ghaliha huwa applika, bl-ispejjez kontra l-amministrazzjoni Pubblika koncernata fl-appell odjern."*

Ra r-risposta **<u>tal-Kummissarju tal-Pulizija</u>** datata 26 ta' Jannar 2015 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"*

1. *ILLI l-esponent Kummissarju tal-Pulizija, jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana għaliex għal kuntlarju ta' dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jagħtix il-liċenzja ta' Gwardjan Privat lir-rikorrent, kif ser jiġi muri u spjegat fil-mori tas-smigh ta' dan ir-rikors;*

2. *ILLi l-esponent jibda biex jirrileva illi l-ittra li ntbaghtet lil rikorrent sabiex jigi mgharraf illi ma nghatax il-licenjza, kien fiha elenkati r-ragunijiet moghtija mil-ligi stess li fuqhom gie skwalifikat ir-rikorrent. Jinghad illi r-rikorrent jaf ben tajjeb li hu nstab hati ta' reat li jmur kontra l-bon ordni tal-familja, u minhabba f'hekk ma tistax tinhariglu l-licenzja ta' Gwardjan Privat. B'kull rispett, jigi rilevat ukoll illi dan kollu jinsab fil-ligi, u jekk ir-rikorrent jidhirlu illi l-ligi qed ittelliflu xi opportunita' li jsib xoghol f'dan il-qasam, kif gie ndikat fir-rikors tal-appellant, dan it-Tribunal ma hux il-forum kompetenti ghal dak l-ilment.*

3. *ILLI ir-rifjut sar ukoll ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) u 10(b) ta' Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad illi l-esponent ser igib ukoll provi fil-mori tas-smigh ta' dan ir-rikors, li ser juru ezattament ghaliex inhass illi mhux fl-interess pubbliku li tinhareg licenzja lir-rikorrent;*

4. *ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghal provi li ser jingiebu fil-mori tar-rikors u l-eventwali trattazzjoni, jinghad illi Artikolu 10(a)(i) sa Artikolu 10(a)(vi) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaghtix setgha diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, izda jimponi obbligu fuq il-Kummissarju li jirrifjuta hrug jew it-tigdid ta' licenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taht is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) ta' l-istess Kap.389.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi u ohrajn li jistghu jingiebu fil-mori ta' dan ir-rikors l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija qieghed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-*

*Onorabbli Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent."*

Sema' x-xhieda tar-rikorrent[1] u tas-Supretendent Ramon Mercieca.[2]

Ra d-dokumenti kollha ipprezentati;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 6 ta' Marzu 2015 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"B`riferenza ghall-applikazzjoni tieghek ghal-licenza ta' Gwardjan Privat, jiddispjacini ninfurmak illi l-applikazzjoni tieghek qieghda tigi rifjutata ai termini ta' l-Artikoli 10 (a) (i), 10 (a) (vi) u 10 (b) minhabba li kont gejt misjub hati ta' sentenza fil-konfront tieghek."*

**<u>Ir-rikorrent</u>** xehed li huwa ilu tlett snin jahdem bhala Service Standard Manager mal-Malta Public Transport illum Autobuses De Leon. Jispjega illi huwa applika ghal-licenzja ta' gwardjan privat ghax fil-futur seta' jigi mitlub l-istess licenzja biex ikompli fix-xoghol tieghu. Jispjega li qabel hareg ir-rifjut tal-licenzja in kwistjoni hadd ma baghat ghalih da parti tal-Kummissarju intimat. Jghid li xi snin qabel, u cioe` qabel ma kellu l-impjieg prezenti, kien ghadda minn perjodu fejn kellu xi ftit inkwiet fuq ix-xoghol peress li kien jahdem fil-qasam tal-kostruzzjoni u kien hemm xi nies li kellhom ihallsuh. Jghid li b'rizultat ta' dan ma kienx ikollu flus u kien jaghmel hin ma jorqodx u kien qabad jara xi pornografija tat-tfal u ta' dan kien tressaq il-Qorti u nghata sentenza ta' sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.

**<u>Is-Supretendent Ramon Mercieca</u>** xehed illi hu kien il-persuna responsabbli li jiprocessa l-applikazzjonijiet ghal-licenzji ta' gwardjani privati fi hdan il-Kummissarju intimat. Jispjega li meta ra l-kondotta tar-rikorrenti, specjalment fir-rigward tar-reati ta' pornografija ta' minuri, u wara li kkunsidra l-ligi huwa ma setghax johrog tali licenzja. Jghid li

---

[1] A fol. 22 sa 25 u minn fol. 29 sa fol. 33

[2] A fol. 52 sa fol.53

apparti hekk ir-rikorrenti kellu zewg kazijiet separat relatati ma' materjal tal-loghob tan-nar.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi jirrizulta illi r-rikorrent kien instab hati mill-Qrati fi tlett okkazjonijiet separati fejn kien tressaq fuq is-segwenti reati u cioe`:-

1. Talli fis-27 ta' Lulju 2002 immanifattura splussivi jew loghob tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn kien instab hati u kkudnannat ihallas multa ta' mitejn lira maltin (Lm200).
2. Talli fit-8 ta' Lulju 2007 ta n-nar jew spara maskri, bombi, sufarelli jew xogholijiet ohra tan-nar minghajr licenzja tal-Pulizija u talli garr minn post ghall-iehor porvli tal-isparar fejn insab hati u kkundannat ghal twiddiba u canfira;
3. Talli f'Dicembru 2011 u fix-xhur ta' qabel kellu fil-pussess tieghu xi materjal indicenti li juri, jaghti stampa ta' jew jirraprezenta xi persuna ta' taht l-eta` u ta' dan gie misjub hati u kkundannat piena ta' sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.

Illi jirrizulta illi b'rizultat tar-reati mwettqa fl-2002 ir-rikorrent garrab feriti gravi hafna u ghalhekk meta l-Qorti giet biex tikkalibra l-piena hija hadet in konsiderazzjoni illi r-rikorrenti kien diga hallas a skapitu tieghu ghan-nuqqas tieghu.

Illi fir-rigward tar-reati mwettqa fl-2011 meta giet biex tikkalibra l-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li r-rikorrent kien ghaddej minn zmien difficli f'hajtu u li kien gharaf l-izball tieghu.

Illi ghalhekk ir-rikorrent qieghed jargumenta illi ladarba anke l-Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali gharfet ic-cirkostanzi partikolari tieghu, allura l-Kummissarju intimat kellu wkoll jiehu in konsiderazzjoni l-istess cirkostanzi ai fini ta' licenzjar.

Illi min-naha l-ohra l-Kummissarju intimat jirribadixxi illi *siccome*` r-rikorrent instab hati ta' reati kontra l-bon ordni tal-familja huwa ma kellu l-ebda tip ta' diskrezzjoni jekk johrogx jew le il-licenzja de quo.

Illi mill-ittra tar-rifjut jirrizulta illi l-applikazzjoni tar-rikorrent giet rifjutata abbazi ta' tlett ragunijiet elenkati f'artikolu 10 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe`:-

*Il-Kummissarju **ghandu jirrifjuta**[3] applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant -*
*(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' ta' omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' **xi delitt gravi ieħor;***
*...*

*(vi) **tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi reat li jaffetwa l-bon ordni tal-familji;***

*(b) **meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza;***

Illi minn harsa lejn id-delitti mwettqa mir-rikorrenti jirrizulta illi dak imwettaq fl-2011 jinsab elenkat fis-*Sub-titolu II "*Fuq id-Delitti Kontra l-Paci u l-Unur tal-Familji, u Kontra l-Morali" taht it-Titolu VII tal-Kodici Kriminali "Fuq id-Delitti Li Jattakkaw il-Bon-Ordni Tal-Familja".

Issa kif gie enfasizzat iktar 'il fuq, artikolu 10 (a) tal-Kapitolu 389 ma jhalli l-ebda tip ta' diskrezzjoni fuq il-Kummissarju tal-Pulizija meta jigi biex jiddeciedi jekk applikazzjoni ghal licenzja gdida ta' gwardjan privat jew tigdid tal-istess licenzja tintlaqghax jew le. Skond l-artikolu citat, il-Kummissarju tal-Pulizija **ghandu d-dmir** li jirrifjuta tali applikazzjoni.[4] Lanqas ma hemm xi perjodu ta' rijabilitazzjoni fejn jidhlu delitti li jaffettwaw il-bon ordni bhal ma wiehed isib fil-kaz ta' delitti kontra l-persuna jew kontra l-proprjeta,[5] fejn wara li jghaddu hames snin minn meta jsir id-delitt indivdwu jkun jista' japplika ghal-licenzja in kwistjoni.

Illi ghalhekk, ghalkemm dan it-Tribunal japprezza li persuna tista' tkun irriabilitat ruhha u zammet 'il boghod mill-kriminalita` u minn dawn il-Qrati, huwa ghal kollox inutili li wiehed jishaq li l-Kummissarju seta' jezercita d-diskrezzjoni tieghu mod iehor, ghax fil-verita` tali diskrezzjoni, fejn si tratta ta' rifjut abbazi tal-imsemmija reati, ma tezistix. Illi forsi l-uniku diskrezzjoni li ghandu l-Kummissarju intimat taht l-artikolu 10 (a) huwa meta jigi biex jevalwa jekk delitt jigix klassifikat jekk hux wiehed gravi jew le. Fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, il-Kummissarju intimat kien gust u ragjonevoli meta kkunsidra r-reati mwettqa fl-2011 bhala delitti gravi u dan anke in vista li l-vittmi f'dawn it-tip ta' reati huma minorenni

---

[3] Enfasi tat-Tribunal

[4] L-uniku diskrezzjoni li ghandu l-Kummissarju intimat hu meta si tratta ta' klassifikar ta' "reat gravi iehor" li ma jaqghax fost dawk elenkati fl-istess artikolu 10 (a) (i)

[5] Ara Artikolu 10 (a) (v) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta

innocenti li jaqghu taht id-dwiefer ta' persuni li jisfruttawhom ghal skop ta' lukru minn fuq min jaccessa l-immagini tal-istess tfal.

Illi sakemm il-ligi tibqa' kif inhi, dan it-Tribunal ma jistghax imur kontra l-vot tal-istess ligi anke jekk jifhem u japprezza l-argumenti mressqa mill-abbli difensur tar-rikorrent illi wettaq ir-reati fi sfond partikolari u li llum huwa ghandu impjieg li jlaqqghu kontinwament man-nies. Dan it-Tribunal japprezza li r-rikorrent huwa koncernat li jekk ma jkollux il-licenzja in kwistjoni jista' jkollu problemi fix-xoghol prezenti. Pero`, kif gia inghad, dan it-Tribunal ma jista' jiehu xejn minn dan kollu in konsiderazzjoni biex jannulla d-decizjoni tal-Kummissarju intimat fejn jidhol ir-rifjut abbazi tal-artikolu 10 (a) (i) u (iv).

Illi sorvolata l-kwistjoni dwar l-ewwel parti tar-rifjut, it-Tribunal se jezamina issa r-rifjut tal-Kummissarju intimat abbazi tal-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389. Illi r-rikorrent jishaq illi l-Kummissarju intimat ma kienx korrett meta irrifjuta l-applikazzjoni tieghu abbazi li ma kienx fl-interess pubbliku li tinhariglu tali licenzja.

Illi issa, fil-kaz odjern, jirrizulta illi r-reati mwettqa mir-rikorrent gew hekk imwettqa fl-2002, fl-2007 u fl-2011, b'dawk tal-2011, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, ikunu dawk l-aktar gravi. Illi ghalhekk jirrizulta illi minn l-ahhar reati 'l hawn ghaddew cirka hames snin. Illi t-Tribunal jikkoncedi l-argument illi persuna li tkun zbaljat ma tistghax tibqa' tigi ikkunsidrata bhala persuna ta' karattru mhux affidabbli *in eternum* meta c-cirkostanzi juru li dan qatt ma rega' xellef difru mal-gustizzja. Dan qieghed jinghad anke *in linea* mal-kuncett ta' rijabilitazzjoni li qieghed jigi tant promoss fis-socjeta` tal-lum. Pero`, naturalment, dan kollu qieghed jinghad b'rispett lejn artikolu 10 (a) tal-Kapitolu 389 fejn hemmhekk wiehed, anke jekk ikun qabad u kompla fit-triq it-tajba, huwa prekluz milli jottjeni licenzja ta' gwardjan privat hlief il-kaz ta' artikolu 10 (a) (v).[6] Illi madankollu, f'dan il-kaz partikolari, ir-reati mwettqa mir-rikorrent fl-2011 kienu ta' natura gravi, specjalment meta wiehed jikkunsidra li l-materjal kien jikkoncerna minuri. It-Tribunal lanqas ma jista' jittraskura l-fatt illi isem ir-rikorrent huwa mnizzel fir-Registru msemmija fil-Kapitolu 518 tal-Ligijet ta' Malta (Att Dwar Registrazzjoni Ghall-Protezzjoni Ta' Minuri) u kwindi ma jsib xejn x'jiccensura mid-decizjoni tal-Kummissarju intimat li hass li mhux fl-interess pubbliku li tohrog tali licenzja.

Illi r-rikorrent ma kkonfortax lil dan it-Tribunal bi provi dwar kif u min ghenu biex jirriabilita ruhu. Illi ghal dan it-Tribunal, fejn si tratta ta' reati

[6]Meta persuna tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra l-persuna jew kontra l-proprjetà l-applikazzjoni tista ssir wara ħames snin minn meta jkun sar id-delitt.

gravi, anke jekk xi drabi ikun ghadda ammont konsiderevoli ta' zmien minn meta twettaq ir-reat, mhuwiex bizzejjed li persuna taghti certifikat lilha nnifisha li rriabilitat ruhha. F'cirkostanzi bhal dawn irid ikun hemm provi ohra li jsahhu din l-awto certifikazzjoni.

Illi fic-cirkostanzi, it-Tribunal, huwa tal-fehma illi l-Kummissarju intimat kien gust fir-rifjut tieghu tal-applikazzjoni tar-rikorrent taht l-artikolu 10 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk, certament, id-decizjoni tal-Kummissarju intimat hija wahda valida ghall-effetti kollha tal-ligi.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju intimat, jichad l-appell imressaq mir-rikorrent mid-decizjoni tal-istess Kummissarju datata 6 ta' Marzu 2015.

Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrent.

____________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**